

Kitba' ta'
MALCOLM GALEA
Live Band ta'
MRO DOMINIC GALEA
Direzzjoni ta'
SEAN BUHAGIAR
MUSICAL ORIĠINALI BIS-SUĊĊESSI TA' FREDDIE PORTELLI
IL-KBIR
Għadu Ġej
9, 10, 14, 15, 16, 17 TA' AWWISSU
DAR IL-MEDITERRAN, VALLETTA
WWW.FREDDIEPORTELLI.COM
TVM HD
ARTS COUNCIL MALTA
APS
Kinnie
tm Transport Malta
Balzunetta PRODUCTIONS


The biggest flavour under the sun.
Zest Kinnie
ZERO SUGAR
Kinnie
Since 1952
CLASSIC
Diet Kinnie
SUGAR FREE
THE MEDITERRANEAN CLASSIC
Since 1952


adidas
adidas
adidas

LET'S CELEBRATE
CULTURE!

APS bank
values you can bank on

Issued by APS Bank plc of APS Centre, Tower Street, Birkirkara, BKR 4012

## Noti



**Albert Marshall**
*Chairman*
*Kunsill Malti Għall-Arti*

Għall-Malta, Freddie Portelli huwa leġġenda u bħal-leġġendi kollha, ix-xintilli tas-seħer jikkaratterizzaw il-faxxinu tal-fantasiji u l-isħajjil. Dan ma' jonqosx fil-leġġenda li hu Freddie Portelli għall-Maltin. Ix-xintilli ta' Portelli jinkludu personalità tbaqbaq bl-enerġija; allegrija li tittieħed; stil inimitabbli; leħen li ma tbiel qatt... L-idea sublimi li jinħoloq spettaklu mużikali msejjes u mnebbaħ mill-ħajja u l-mużika ta' Freddie mhux biss hija oriġinali u inġenjuża imma hija mezz kif tiġbed lejn it-teatru udjenzi ġodda li, b'riħet is-seħer li għandu fuqhom dal-leġġenda tal-mużika leġġera Maltija, żgur se jersqu lejn it-teatru – forsi għall-ewwel darba – biex jitpaxxew bid-diski tiegħu u jgħixu għal darb'oħra t-tifkiriet, il-memorji u n-nostalġiji li se tqanqlilhom din is-serata indimentikabbli. Għal dawk li fis-snin sebgħin 'qas biss kienu għadhom twieldu u jitħajru jiġu jaraw dax-show, 'Il-Kbir għadu Ġej – il-musical' se jservihom ta' vetrina ta' talent awtentiku, uniku Malti – it-talent ta' Freddie Portelli – li kien, għadu u jibqa' maħbub minn eluf kbar ta' fans li ilhom is-snin isegwu b'imħabba u ammirazzjoni li dan il-kantant-idolu, illum veteran ta' 'l fuq sew minn sebgħin sena u għadu jirradja ottimiżmu bla lġiem b'diska ġdida bħal IL-KBIR GĦADU ĠEJ!

Dan il-musical huwa segwitu ta' sensiela ta' musicals oriġinali Maltin li bdiet mas-suċċessun "Balzunetta Towers". Il-Kunsill Malti għall-Arti jagħraf is-siwi u l-valur kulturali ta' rappreżentazzjonijiet bħal tal-lejla u hija t-tama tagħna li l-produtturi jassumu r-responsabbilta' li dan l-avveniment isir appuntament annwali bil-għan li jisseddaq dejjem aktar il-ġeneru tat-teatru mużikali f'pajjiżna.



**Sean Buhagiar**
*Direttur u Produttur*

DAK KIEN ŻMIEN, fid-Disgħinijiet, meta kont għadni żgħir u kont noqgħod lejn San Pawl il-Baħar, fejn fis-sajf kien ikun hemm fost l-aqwa kantanti Maltin ikantaw fil-bars u l-hotels tal-madwar. Vuċijiet jirbumbjaw ma' kullimkien. Fosthom kien ikun hemm ċertu Freddie Portelli. Kont għadni daqsxejn ta' tfajjel imqarqaċ meta TGĦALLIMT li Freddie Portelli ma kienx kantant bħall-oħrajn, kien speċi ta' ikona. Ħobbu jew obogħdu, taf bih u smajt id-diski tiegħu. Min kien imur biex jiżfen DAK IR-ROCK 'N' ROLL, min imur biex jgħaddi siegħa ma' xi ĦABIB, imma għal lejl ma' Freddie Portelli ma TGĦIDX LE.

Naħseb din l-imħabba li l-Maltin rabbew lejn Freddie Portelli hija frott id-diskografija mdaqqsa u varjata tiegħu. Iżda mhux biss. Kif taqbad tgħid, BĦALEK HAWN KEMM TRID, imma bħal Freddie ma tantx tiltaqa'. Kif jitkellem, kif jilbes, kif ikanta – kollox jagħmlu pjuttost uniku. Freddie spettaklu waħdu. Fejn qatt dak it-tifel kellu jobsor li se jħażżeż il-lirika ta' diska lil Freddie Portelli! Illum, flimkien ma' sieħbi Duminku Galea li kiteb il-mużika, ktibna diska lil Freddie Portelli u ħariġha ta' 75 sena. Mhux biss.

Infatti, maż-żmien, trabbejt fit-teatru u spiċċajna MA JIFRIDNA ĦADD lili u din l-arti performattiva hekk maġika. It-teatru huwa xogħol li tagħmlu FLIMKIEN b'kollaborazzjoni, u illum KULĦADD JAF li qed naħdem ma' ħafna artisti bravi u erwieħ sbieħ fuq musical bis-suċċessi kollha ta' Freddie Portelli. MULEJ, x'biċċa xogħol kienet biex nagħżlu d-diski. Freddie mal-ewwel qalilna ħafna stejjer, u saħaq KIF IGERBU S-SNIN u għalhekk kien ħerqan biex immexxu malajr. Ħdimna qatiegħ biex nibnu spettaklu li jagħmel lil Freddie u lis-segwaċi tal-mużika Maltija kburin. Inkitbet storja oriġinali għal dan il-jukebox musical. Għax din mhux l-istorja tal-ħajja ta' Freddie, imma storja oriġinali bbażata fuq il-mużika u l-lirika tiegħu. Jekk ħsibtha l-istorja ta' ħajtu forsi MA KELLEKX TORT, imma mhix. Fil-każ aqra l-ktieb ukoll. Grazzi ħafna, minn qalbna, talli ġejtu bi ħġarkom turu s-sapport lejn dan ix-xogħol, xi ngħidulkom, VIVA MALTA!

XEWQAT SBIEĦ imorru lill-atturi, kantanti, żeffiena li fdaw il-viżjoni tiegħi u issa qed jiġru biha. Lilhom u lit-tim kreattiv u tim tal-produzzjoni, m'għandix KLIEM biżżejjed biex nirringrazzjahom. Sirna qisna familja, konna f'ĠENNA TAL-ART flimkien u bkejna WIED TAD-DMUGĦ flimkien. Issa l-ispettaklu f'idejhom, nafdahom. Jekk fl-intermission tarani b'DAK IL-FLIXKUN, ĦALLINI. Anzi, jekk jogħġobkom ħafna, għada filgħodu, immur fuq xi BLUE SEA BAY biex niċċelebra.

Ċajt apparti, qed nimxu pass pass biex inkomplu ntejbu prodott li f'dawn iż-żminijiet tant huwa importanti. Fit-teatru hemm xi ħaġa li ma tistax tesperjenza mkien aktar, għalhekk ngħidlek EJJA LURA jekk jogħġbok ix-xogħol. Hekk biss tkun qed tgħin lil artisti lokali jikbru. Morru araw it-teatru, tħallinix NARAK KULLIMKIEN tiekol il-pizza.

Nirringrazzja lill-Kunsill tal-Arti li m'huma qed JITBIEGĦDU qatt mill-iskop tagħhom li jgħinu dawn il-produzzjonijiet ta' musicals oriġinali li bdejna fl-2017 b'Balzunetta Towers u għalhekk illum qed naħdmu taħt l-isem Balzunetta Productions. Grazzi kbira lil kollaboraturi kollha li qed taraw fuq dan il-programm.

NAF GĦALFEJN se nieħu gost l-aktar illejla. Għax KIF INĦARES LEJK titbissem, ninduna kemm is-sagrifiċċji u x-xogħol tagħna ma jkunux għalxejn; u nispera li jibqgħu memorja indelibli f'moħħ dawk kollha li se jaraw dan ix-xogħol GĦAL DEJJEM. Itaqqalna kemm itaqqalna x-xogħol, kif nisma' dak l-applaws, NERĠA' NSIR FERĦAN u lit-teatru nwerżaqlu FUQEK SER IMMUT! Bis-saħħa ta' sħabi, SE JKOLLI NEMMEN li se tieħdu ħafna gost. Pruvaw ibqgħu bilqiegħda, imma jekk tridu tqumu tiżfnu, għamlu ta' raskom mela, hekk jew b'hekk, lili MA TAĦRAQNI B'XEJN.

Eh, u qabel ninsa, IL-KBIR GĦADU ĠEJ!



## Freddie Portelli
*Ir-Re tar-Rock ‘n’ Roll*

Grazzi lil kull min ħadem biex jittella’ dan il-musical bil-kanzunetti tiegħi u kull min għandu x’jaqsam mal-musical Il-Kbir Għadu Ġej.

Ħajr lid-direttur bravu Sean Buhagiar, is-Surmast Dominic Galea u l-awtur Malcolm Galea. Ninsab grat lejn dawk il-kantanti, koreografi, atturi anke mużiċisti li għoġobhom jonorawni bit-talent vast li huma ġew imżejna bih. U lill-poplu Malti li donnu ma jridx jinsini. Grazzi ta’ veru.



## Dominic Galea
*Arranġament tal-mużika*

Wara s-suċċessi li kellna bil-cabaret teatrali Balzunetta Towers (2017) u l-musical Il-Ħanina Maddalena (2018), dis-sena jiena u l-ħabib tiegħi Sean Buhagiar iddeċidejna li naħdmu fuq jukebox musical imsejjes madwar is-suċċessi tar-re tar-rock ‘n’ roll Malti Freddie Portelli. L-idea ta’ Sean kienet interessanti u eċitanti. Wara l-istili ta’ jazz u semi-klassiku li użajna fis-snin li għaddew issa ridna nagħmlu riċerka fil-ġeneru tar-rock ‘n’ roll biex nirriproduċu l-istili tas-Sittinijiet. Is-sehem tiegħi din id-darba kien ta’ arranġatur mużikali fejn ħdimt ma’ ħija Manolito għal xhur sħaħ fuq ir-rekordings ta’ tletin kanzunetta mir-repertorju vast ta’ Freddie. Għalkemm Freddie tani l-libertà kollha biex inbiddel fejn u kif irrid, jien ma ħassejtx li dan kien il-każ għax il-kanzunetti tiegħu sbieħ kif inhuma u għalhekk ippruvajt inkun fidil kemm stajt għall-verżjonijiet oriġinali.

Nixtieq ngħid grazzi lit-tim kollu tal-produzzjoni u lill-cast għad-dedikazzjoni li wrew matul l-aħħar xhur. Grazzi lil ħija Manolito tal-paċenzja li jieħu bija fl-istudio u prosit tassew lil Malcolm Galea għall-iscript sabiħ li ħoloq.
Grazzi kbira lil Sean u Marilù tal-koordinazzjoni tal-proġett kollu u fl-aħħar nett grazzi lil kull min b’xi mod għen biex din il-produzzjoni tittellgħa.



## Malcolm Galea
*Awtur*

Meta jċempilli Sean Buhagiar kważi dejjem nieħu qatgħa. Qabel ma nwieġeb inkun naf li ħa jkollu f’moħħu xi proġett li jrid isir fi żmien qasir u li x’aktarx ħa tkun it-tip ta’ idea li ma tantx tista’ tirrifjutaha. Hekk ġara meta ċempilli aktar kmieni din is-sena b’dan il-pjan li joħloq musical b’uħud mid-diski ta’ Freddie Portelli. L-entużjażmu tiegħu infettani u f’kemm ilni ngħidlek sibt ruħi miegħu nixorbu l-wiski flimkien ma’ Freddie u Carmen Portelli.

Naħseb li kull min jiltaqa’ ma’ Freddie mill-ewwel jinduna kemm huwa karattru ferrieħi, estrovert u ġeneruż. Huwa ġej minn dik il-ġenerazzjoni ta’ wara l-gwerra meta l-irġiel Maltin kienu jaħsbu li kapaċi jagħmlu minn kollox – u fil-każ tiegħu tista’ tgħid li rnexxielu. Fil-kitba tiegħi ppruvajt nirrifletti l-karattru vivaċi ta’ Freddie filwaqt li anke npinġi stampa ta’ dak iż-żmien maġiku fl-aħħar tas-Sittinijiet meta l-Maltin kienu qed jiskopru l-identità tagħhom – b’xi ftit għajnuna mir-rock ‘n’ roll.

ARTS COUNCIL MALTA

**FUNDING PROGRAMME**




For more information, please visit

artscouncilmalta.org

ArtsCouncilMalta

## Tim Kreattiv

| | |
|---|---|
| **Produzzjoni** | Balzunetta Productions |
| **Produttur Eżekuttiv** | Sean Buhagiar |
| **Produttur Eżekuttiv** | Dominic Galea |
| **Mużika Oriġinali** | Freddie Portelli |
| **Direzzjoni** | Sean Buhagiar |
| **Kitba u Arranġament tal-Lirika** | Malcolm Galea |
| **Arranġamenti Mużikali** | Dominic Galea |
| **Disinn tal-Ħoss** | Manolito Galea |
| **Koreografija** | Warren Bonello |
| **Disinn tax-Xenarju u Illustrazzjonijiet** | Adrian Mamo |
| **Disinn tal-Kostumi** | Maria Muscat (Babettopolis) |
| **Disinn tad-Dawl** | Andrew Zammit |
| **Disinn tal-Irtokk u Xagħar** | Jackie Grima |
| **Disinn tax-Xagħar** | Conrad Catania |
| **Disinn tal-Animazzjonijiet** | Chris "Goa" Farrugia |
| **Konsulenza tal-Maġija** | Vanni Pule' |
| | Noel D'Amato |

## Mużiċisti Live

| | |
|---|---|
| **Dominic Galea** | Tastieri |
| **Luke Grech** | Kitarra |
| **Steve Delia** | Kitarra |
| **Mario Borg** | Sax Tenur |
| **Antoine Tonna** | Baxx |
| **Robert Spiteri** | Drums |

## Atturi

| | |
|---|---|
| **Kevin Borg** | Alfred il-Kredu (snin sittin) |
| **Davide Tucci** | Toni Tagħna |
| **Mark Tonna** | Alfred il-Kredu (preżent) |
| **Amber** | Lourdes |
| **Marilena** | Georgette |
| **Petra** | Sylvia |
| **Leontine** | Iz-Zija Pawlina |
| **Luke Dalli** | Il-Bum |
| **Max Dingli** | Il-Bummer |
| **Colin Fitz** | Kurun |
| **Frank Zammit** | Gwido l-Liberty |
| **Emanuel Cassar** | Hans Fritzer |
| **Taryn Mamo Cefai** | Claudette |
| **Michela Galea** | Yvette |
| **Amber Mansueto** | Michela |
| **Dominic Cini** | Valentino Vella |
| **Ina Cini Robinich** | Rita l-Ġermaniża |
| **Toni Busuttil** | Il-Foreman/Trixie |
| **Jamie Cardona** | Ħaddiem tat-Tarzna u oħrajn |
| **Jeremy Grech** | Ħaddiem tat-Tarzna u oħrajn |
| **Christine Francalanza** | Tfajla tal-bar u oħrajn |
| **Alison Abela** | Tfajla tal-bar u oħrajn |
| **Mireille Rose Borg** | Tfajla tal-bar u oħrajn |
| **Martina Galea** | Tfajla tal-bar u oħrajn |

## Żeffiena

Warren Bonello
Martina Galea
Nina Ragonesi
Eliza Cassar
Nicole Chetcuti
Matteo Mifsud
Jake Curti
Thomas Grixti
Alister Camilleri
Matthias Magri
Emilie Visanich
Maria Gauci
Neriah Mangion

## Tim tal-Produzzjoni

| | |
|---|---|
| **Maniġer tal-Produzzjoni** | Marilù Vella |
| **Superviżjoni tal-Iskript (ASM)** | Ann-Marie Camilleri |
| **Maniġer tal-Palk** | Annalisa Schembri |
| **Kostruzzjoni tas-Sett** | Claudio Apap<br>Neville Borg<br>Antoine Farrugia |
| **Assistenti tal-Kostruzzjoni tas-Sett** | Patrick Dalli<br>Marco Tabone |
| **Inġinier tal-Ħoss** | Sergio Costa |
| **Dawl u Ħoss** | AV Warehouse |
| **Assistenti tal-Ħoss** | Corey Agius<br>Thea Farrugia |
| **Rigger** | Audrick Plum<br>Stephen Dalli |
| **Irtokk** | Venita Buttigieg<br>Elaine Grech |
| **Xagħar** | Jesmond Chircop |
| **Maniġer tal-Props** | Sven Bonnici |
| **Vidjografu u Fotografu** | Chris 'Goa' Farrugia |
| **Disinn tal-Grafika** | BloomCreative |
| **Assistenti fil-Kostumi** | Mariella Deguara<br>Doreen Gauci<br>Nadienne Grogan |
| **Għajnuna wara l-Kwinti** | Miguel Formosa<br>Carmelo Borg<br>Noel D'Amato<br>Mark Grech<br>Orlando Dimech |
| **Rekording u Mixing** | Manolito Galea |
| **Mastering** | Daniel Talma |
| **Rekording Studjo** | Lito's Place-Malta |

## **Bijografiji** *Tim Kreattiv*



### Sean Buhagiar
*Direttur*

Sean Buhagiar (1986) huwa direttur artistiku u produttur kreattiv li ilu jaħdem fil-qasam tat-teatru u films għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena. Buhagiar tħarreġ fl-Università ta' Malta u gradwa b'Masters fil-Kreattività minn universitajiet ġewwa Malta, Ruma, il-Polonja u Pariġi. Huwa kien id-direttur artistiku ta' Notte Bianca bejn l-2013 u l-2019 fejn ħadem ma' bosta artisti rinomati bħal La Fura Dels Baus, Vinicio Capossela u ħafna oħrajn. Buhagiar huwa l-ewwel direttur artistiku ta' Teatru Malta, il-kumpanija nazzjonali tat-Teatru. Fost ħafna proġetti li kien involut fihom, jibqgħu mfakkra Jiena Nħobb Inti Tħobb, B'Tal-Linja Jaqbillek Żgur, Balzunetta Towers, Raymond Fight Beck u The Crucible.



### Dominic Galea
*Arranġatur tal-Mużika*

Dominic Galea studja l-pjanu fil-ġeneru tal-jazz ma' missieru Sammy u aktar tard ġewwa Londra mal-pjanista/kompożitur Stan Tracey. Huwa kompla l-istudji tiegħu fil-kompożizzjoni ma' Maestro Pawlu Grech u fl-Università ta' Malta fejn gradwa fil-livell ta' Masters.
Galea pparteċipa u rebaħ diversi unuri ġo festivals internazzjonali u anke ħa sehem f'numru ta' festivals kulturali madwar l-Ewropa fejn kellu l-opportunità jdoqq u anke jirrekordja ma' artisti ta' kalibru mondjali.
Fost l-oħrajn, il-kompożizzjonijiet versatili ta' Galea jinkludu 16-il musical, ballet għat-tfal u ħafna xogħlijiet ispirati minn poeżiji Maltin. Huwa produċa 'l fuq minn 20 album bil-mużika tiegħu.



### Malcolm Galea
*Awtur*

Rinomat għal kitba komika, Malcolm Galea ilu jikteb, jidderieġi u jirreċta għal palk mill-2003. Uħud mix-xogħlijiet tiegħu bħala kittieb jinkludu Porn – the Musical li kien rebaħ il-premju għal Best New Musical fl-Off-West End Theatre Awards wara li kien ittella' f'Londra fl-2010, kif ukoll il-musicals 1565 (MCC, 2005) u R+J Forever (MITP, 2012). Bejn l-2003 u l-2018 Malcolm kiteb ukoll għaxar pantomimi tal-Milied li ttellgħu ġewwa t-Teatru Manoel jew ġewwa l-MFCC. Ix-xogħlijiet tiegħu bil-Malti jinkludu Id-Dlam taħt it-Teatru (Manoel, 2014) li kien rebbieħ tal-Premju Francis Ebejer għal kitba tat-tfal u l-kummiedja Marti Martek, Martek Marti (Manoel, 2016). L-ewwel film tiegħu, il-kummiedja 20,000 Reasons, ħareġ fl-2016. Malcolm huwa magħruf ukoll għal-iStand Up Comedy u l-kumpanija tiegħu More or Less Theatre li tispeċjalizza f'teatru komiku u edukattiv għat-tfal.



### Adrian Mamo
*Disinn tas-Sett*

Adrian Mamo ggradwa bħala perit fl-1989 u ilu involut fix-xena teatrali għal 40 sena. Huwa ddisinja madwar 50 produzzjoni għal diversi kumpaniji teatrali u aġenziji bħall-MADC, Masquerade Theatre Company, Atturi, Actinghouse, TheatreEncore, Staġun Teatru Malti, CHOGM u oħrajn. L-aħħar produzzjonijiet tiegħu jinkludu Jiena Nħobb Inti Thobb, Ċittadin Vassalli, Il-Kappillan ta' Malta u Faith, Hope u Charity għal Staġun Teatru Malti, Children of a Lesser God u Antigone għal TheatreEncore u Phantom of the Opera għal Grapevine Music. Adrian Mamo kien Chairman tal-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti (2006-2013), jgħallem Theatre Set Design fl-Università ta' Malta, u bħalissa jokkupa l-kariga ta' President tal-Malta Society of Arts.



## Maria Muscat (Babettopolis)
*Disinjatriċi tal-Kostumi*

Maria Muscat twieldet fl-1988 – sena kerha ħafna għall-moda – u ironikament, jew forsi bi tpattija, bdiet tiddelitta fil-qasam tad-disinn u ħjata tal-ħwejjeġ. Meta kienet iżgħar kienet tpinġi, imbagħad iddeċidiet li tistudja l-Ingliż, wara dik id-diżavventura ddeċidiet li tixtieq titgħallem ukoll il-ħjata u minn hemm, apparti serje ta' impjiegi fil-qasam kulturali u/jew letterarju… bdiet il-ħajra li torbot naqra minn kollox li qatt tgħallmet u tiffoka fuq kostumi għat-teatru. Produzzjonijiet li ħadmet fuqhom kienu varji, fosthom l-operetti Orpheus in the Underworld (2016) u Patience (2017) ma' Teatru Manoel Youth Opera (TMYO), l-opera Le Nozze di Figaro (2017) ma' Teatru Manoel, Boulevard ta' Francis Ebejer (2018) ma' Teatru Manoel, Teatru Malta u Żfin Malta u l-aktar riċenti An Inspector Calls (2019) ma' MADC.



## Chris 'Goa' Farrugia
*Vidjografu*

Chris 'Goa' Farrugia għandu 32 sena u mwieled ir-Rabat. Chris minn dejjem kellu ġibda lejn l-arti kreattiva. L-ewwel imħabba li kellu kienet dik lejn il-mużika elettronika. Wara li beda jipproduċi mużika elettronika minn età żgħira, fl-età ta' 18 il-sena huwa kellu diversi diski maħruġin fuq diversi record labels barranin. Din l-imħabba għall-mużika ġiet trasmessa għas-settur awdjo-viżiv. Għal dawn l-aħħar snin Chris ħadem fuq bosta proġetti kemm kreattivi kif ukoll kummerċjali.
Dawn jinkludu proġetti teatrali kif ukoll televiżivi, kemm lokali kif ukoll barranin. Fost l-oħrajn huwa ħa ħsieb il-post produzzjoni ta' żewġ serje televiżivi Maltin, effetti viżwali fuq diversi serje televiżivi, films u films qosra barranin, produċa u ħadem fuq reklami kemm lokali kif ukoll barranin u krea viżwali għal diversi produzzjonijiet teatrali lokali.



## Warren Bonello
*Koreografu*

Warren Bonello, 29, imwieled Malta, żeffien, għalliem u koreografu internazzjonali, ilu lura Malta għal dawn l-aħħar seba' snin. Wara li ġie lura mill-istudju u xogħol barra minn xtutna, Warren ġie bl-iskop li jgħin u jgħolli l-livell taż-żfin hawn Malta. Beda bi żfin latin u ballroom sakemm mar jistudja Bodywork ġewwa Cambridge fir-Renju Unit. Hemm studja l-ballet, il-kontemporanju, kant, reċtar u stili oħra ta' żfin.
Warren kien fi proġetti internazzjonali fid-dinja taż-żfin u kant bħal West Side Story ġewwa l-Irlanda, tour nazzjonali madwar l-Ingilterra fil-Voices of the Cavern, Cinderella u Urban Flavors, kien żeffien fuq Costa Mediterrania fost ħafna u ħafna proġetti oħra.
Warren huwa magħruf għaż-żifna ta' This Is The Night fil-Eurovision tal-2012. Ħadem ukoll fi music videos ma' ħafna kantanti Maltin u barranin, kif ukoll fit-teatru bħal Rock of Ages u Sleeping Beauty fost l-oħrajn. Warren huwa eċitat biex jaħdem u jipparteċipa f'Il-Kbir Għadu Ġej għax jemmen li għandu tim eċċezzjonali u kburi jgħid li hemm bniedem Malti wara dawn il-ġmiel ta' diski tradizzjonali Maltin.



## Jackie Grima
*Disinn tal-Irtokk*

Għal dawn l-aħħar 30 sena Jackie ilha taħdem fix-xena tal-irtokk kemm fil-qasam tal-palk kif ukoll dik tal-films u televiżjoni. Bi proġetti f'teatri diversi madwar Malta u barra jvarjaw minn pantomimi fi żmien il-Milied għal musicals, opri u xogħlijiet klassiċi kif ukoll bċejjeċ moderni u innovattivi. L-ewwel film li ħadmet fuqu kien Gladiator fejn kompliet kebbset din il-passjoni biex sentejn ilu ġiet fdata bid-disinn tal-irtokk u xagħar għal film Amerikan Paul Apostle of Jesus Christ li ħareġ għall-wiri f'Marzu.

Valletta Baroque Festival
TEATRU MANOEL

#VBF20

WHEN /

JANUARY
10 –25, 2020

WHERE /

30 CONCERTS IN
15 DIFFERENT VENUES
ACROSS MALTA

ABOUT /

THE 8TH EDITION OF THE VALLETTA BAROQUE FESTIVAL WILL ONCE MORE FEATURE TOP-NOTCH ARTISTS, BOTH FROM MALTA AND ABROAD, PERFORMING WONDERFUL MUSIC FROM MONTEVERDI TO BACH & BEYOND.

MORE INFO

vallettabaroquefestival.mt

Malta Gozo & Comino · medirect · 35° South · Teatru Manoel



## **Bijografiji** *Atturi*



### Kevin Borg
*Alfred il-Kredu (snin 60)*

Kevin beda l-karriera tiegħu bħala kantant diversi snin ilu. Huwa kiseb popolarità barra minn xtutna meta rebaħ l-edizzjoni ta' Swedish Pop Idol fl-2008. Minn dak iż-żmien huwa kompla fil-karriera tiegħu bħala kantant f'diversi pajjiżi, iżda prinċiparjament ġewwa Malta, l-Iżvezja u l-Ġappun. Huwa kiseb popolarità kbira fil-Ġappun fejn biegħ aktar minn ħames miljun album u kiseb ukoll tliet Grammy Awards, tmien Platinum Albums u Triple Platinum. Ġewwa l-Iżvezja huwa kiseb żewġ Platinum Albums u seba' Gold Albums. Borg kanta f'iktar minn 400 kunċert madwar id-dinja u kanta wkoll quddiem ir-re u r-reġina tal-Iżvezja. Ħa sehem fi musicals oħra fejn kien il-parti prinċipali fi Grease u High School Musical, ġewwa l-Iżvezja. F'Il-Kbir Għadu Ġej, huwa se jkun qed jinterpreta l-parti ta' Alfred il-Kredu tas-snin 60, irwol li qed jieħdu b'serjetà kbira, u li qed jieħu gost jinterpreta.



### Davide Tucci
*Toni Tagħna*

Davide beda l-karriera tiegħu fl-2009 permezz tal-musical Spring Awakening. Minkejja l-fatt li kienet proprju l-imħabba tiegħu lejn il-mużika li wasslitu jagħmel l-ewwel pass fid-dinja tal-arti, il-karriera tiegħu wasslitlu ħafna aktar sfidi bħala mudell u attur fejn rajnieh jikseb ħafna suċċess. Din is-sena kien fi proġetti popolari televiżivi bħal L-Għarusa, Division 7 u Il-Miraklu ta' Ħal Saflieni kif ukoll fiċ-ċinema b'Limestone Cowboy. F'Il-Kbir Għadu Ġej narawh fil-ħwejjeġ ta' Toni Tagħna, karattru sempliċi b'saqajh mal-art u li fil-Kredu jsib l-akbar ħabib u xi drabi l-aktar ostaklu diffiċli.



### Marilena
*Georgette*

Imwielda fl-20 t'Ottubru 1991, Marilena hija artista u mudella li minn età żgħira bdiet issegwi l-arti tal-ispettaklu. Il-karriera tagħha ngħatat żvolta meta hija rrappreżentat lil Malta fit-tieni edizzjoni tal-Junior Eurovision Song Contest fl-età ta' 14-il sena. It-taħriġ fil-mużika ma naqasx għal Marilena, partikolarment ġewwa l-Ingilterra mal-Bodywork Performing Arts Cambridge u kif ukoll mill-għalliema tal-programm Taljan Amici. Marilena kwalifikat tul ħames rawnds t'auditions ta' X Factor UK f'Mejju 2016 u xahar biss wara fil-programm The Voice UK. Lil hinn mill-mużika, Marilena pparteċipat fil-Miss Universe Malta 2018 fejn kisbet il-People's Choice Award u Confidently Beautiful Award, filwaqt li klassifikat mal-ewwel tliet finalisti. Fil-ħajja personali tagħha, Marilena hija wkoll Clown Doctor, magħrufa bl-isem Dr DoReMi, fejn hija tagħmel ix-xogħol volontarju tagħha u li permezz tiegħu kontinwament issaħħaħ il-valuri tal-pożittività u determinazzjoni!



### Amber
*Lourdes*

Amber hija magħrufa l-iżjed għar-rappreżentazzjoni tagħha fil-Eurovision Song Contest fl-2015 bil-kanzunetta Warrior. Fil-karriera tagħha Amber kellha l-opportunità tkanta ma' diversi kantanti magħrufa fosthom Joseph Calleja kif ukoll Suor Cristina, rebbieħa ta' The Voice Italy 2014. Fl-2015, Amber kantat waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ taċ-CHOGM li saret f'Malta, qalb bosta kbarat, fosthom ir-Reġina Eliżabetta II u l-Prinċep Charles. Fl-2018, Amber kienet parti mill-musical Il-Ħanina Maddalena fejn interpretat il-parti ta' Serafina Danieli. Amber nediet l-ewwel album tagħha bl-isem ta' Redemption. Illum il-ġurnata Amber hija wkoll preżentatriċi tal-programm tagħha Out & About fuq it-televiżjoni kif ukoll waħda mill-preżentaturi ta' programm tar-radju The Ride Home with Dorian & Amber fuq Magic Malta. Amber bħalissa qiegħda taħdem fuq it-tieni album tagħha li se jkun qed jiġi mniedi fl-aħħar ta' din is-sena.



**Petra**
*Sylvia*

Il-kantanta versatili b'vuċi mill-isbaħ Petra, twieldet fil-11 ta' Awwissu 1987. Għalkemm ġejja minn familja mużikali, Petra skopriet il-passjoni għall-kant fl-età ta' 19-il sena. Minn hemm 'il quddiem ħajjitha nbidlet. Petra kellha ħafna esperjenzi sbieħ tul il-karriera tagħha s'issa. Ħadet sehem u rnexxielha tikseb riżultati sbieħ fil-Malta Eurovision Song Contest għal diversi drabi.
Petra kienet rappreżentanta f'festival ta' arti u mużika ġewwa l-Kanada. Hija kienet tagħmel parti mill-Animae Gospel Choir. Waħda mill-iktar esperjenzi li tibqa' għal qalb Petra hija s-sehem tagħha f'Rockestra. Riċentament irnexxielha tikseb riżultati tajbin f'X Factor Malta li wassluha sal-fażi finali. Din kienet bla dubju waħda mill-aqwa avvenimenti fil-karriera tagħha. Il-Kbir Għadu Ġej huwa l-ewwel musical li Petra qed tieħu sehem fih.



**Leontine**
*Iz-Zija Pawlina*

Leontine bdiet tieħu sehem fuq il-palk mill-età ta' disa' snin. Kellha bosta esperjenzi teatrali, televiżivi, kif ukoll fuq ir-radju. L-aktar ġeneru performattiv għal qalbha huwa dak tat-teatru mużikali. Għal Leontine din se tkun it-tieni esperjenza ma' Balzunetta Productions u tinsab tassew ħerqana sabiex twasslilkom il-karattru ħelu taz-zija Pawlina.



**Mark Tonna**
*Alfred il-Kredu (Preżent)*

Mark beda l-karriera mużikali tiegħu meta kellu 11-il sena, fejn ma' sħabu tal-iskola kienu ffurmaw kor u grupp bil-kitarri għal waqt il-quddiesa. Minn hemm Mark kien membru f'diversi gruppi tal-mużika rock, sakemm fl-1993 iddeċieda li jmur solista. Ħa sehem f'diversi musicals bi produzzjoni lokali, kemm Maltin kif ukoll barranin. Fl-1996 ħareġ l-ewwel CD album tiegħu jismu Before my Eyes. Fl-istess sena huwa kkompona l-mużika tal-ewwel musical tiegħu bl-isem Jisimni Katarina u warajh ikkompona u kiteb il-lirika wkoll tat-tieni musical tiegħu Mill-Jasar Għall-Qawmien, bi storja bibblika. Huwa ħa sehem f'diversi festivals fosthom kanzunetta għall-Ewropa, Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija, L-Għanja tal-Poplu, Festival Kanzunetta Indipendenza, festivals fejn Mark irnexxielu jikseb riżultati mill-aqwa. It-talenti ta' Mark marru wkoll barra mix-xtut Maltin, fejn Mark kanta ġewwa t-Tuneżija, l-Italja, Dubai, ir-Renju Unit, il-Bulgarija, l-Awstrija, il-Ġermanja, it-Turkija, l-Istati Uniti tal-Amerika u fl-Awstralja. Għal erba' snin konsekuttivi, Mark Tonna kien innominat fil-Kategorija Best Male Singer fil-Malta Music Awards.



**Luke Dalli**
*Il-Bum*

Luke huwa avukat ta' tletin sena speċjalizzat fil-liġi tal-propjetà intelletwali. Huwa partner fid-ditta legali DalliParis Advocates u bħala passjonijiet barra l-professjoni għandu l-arti u l-Politika. Wara waqfa ta' madwar sitt snin minħabba impenji ta' xogħol, Luke se jagħmel ir-ritorn tiegħu fuq il-palk fil-parti ta' Raymond il-Bum. Apparti fuq il-palk, Luke huwa wkoll magħruf għall-programmi varji fuq it-televiżjoni u r-radju.



**Max Dingli**
*Il-Bummer*

Max beda l-karriera tal-kant mal-kor Voices, kif ukoll mal-grupp vokali Akaphellas, li kantaw f'diversi avvenimenti inkluż Teatru Unplugged. Kien il-kantant tal-grupp Shilloo's Tree, li ħarġu bosta diski li ndaqqew fuq l-istazzjonijiet tar-radju lokali. Irreċta l-parti prinċipali fil-musical Porn, kemm f'Malta kif ukoll fil-Festival Fringe ta' Edinburgh. Ħadem ukoll fi Bla Kondixin. Jinsab ħerqan li jerġa' jilbes parrokka kerha għall-parti tal-Bummer.



**Frank Zammit**
*Gwido l-Liberty*

Frank, illum il-ġurnata vuċi familjari fuq Vibe FM, ilu involut fil-qasam tal-mezzi tax-xandir għal dawn l-aħħar 19-il sena u stabilixxa ruħu permezz tal-karattru ferrieħi u ċajtier tiegħu. Frank insista li juża dan l-ispazju biex jgħid li l-karattru ta' Gwido l-Liberty ibbażah fuq Kevin Borg, għax vera antipatku.
(Nota mill-produtturi: Kollha għira din!)



**Taryn Mamo Cefai**
*Claudette*

Taryn iddebuttat fid-dinja tal-arti fl-età ta' tliet snin bħala ballerina, fejn kompliet biex kisbet Livell Avvanzat fis-sistema tal-Legat. L-imħabba lejn il-palk ġiet iktar tard wara li kisbet borża ta' studju għall-Arti tal-Ispettaklu li wassal biex tkompli l-istudji tagħha f'Londra f'Bird College, bi gradwazzjoni f'Foundation Degree fit-Teatru Mużikali. B'ħafna produzzjonijiet lokali kemm fuq il-palk u anke fuq it-televiżjoni, Taryn hija magħrufa bħala l-attriċi prinċipali fis-serje lokali Strada Stretta, bħala Lydia. Dehret ukoll f'bosta films internazzjonali fosthom Bharat u One Breath u issa tinsab ferħana li qed tinterpreta waħda mid-duo mqarqċin fir-rwol ta' Claudette!



**Michela Galea**
*Yvette*

Michela għandha 22 sena u riċentament għadha kif iggradwat bl-unuri fil-Baċċellerat tal-Arti fl-Istudji Teatrali mill-Università ta' Malta. Fl-2017, Michela rebħet it-titlu ta' Miss World Malta. Hija marret iċ-Ċina u rebħet it-titlu ta' Miss World Talent. Michela kisbet suċċessi sbieħ fil-karriera tagħha fosthom: rebħet L-Għanja tal-Poplu 2018, ħadet sehem f'diversi produzzjonijiet teatrali kif ukoll televiżivi u anke interpretat parti prinċipali f'film lokali.



## Colin Fitz
*Kurun*

Colin ilu involut fit-teatru mill-1991 meta ħadem l-ewwel parti sinifikanti tiegħu f'reċta fit-Teatru Manoel. Huwa ħadem f'reċti, pantomimi u musicals bħal Cabaret, The Rocky Horror Show u Rock of Ages. Huwa wkoll membru tal-grupp popolari teatrali The Comedy Knights. Colin huwa preżentatur popolari u xandar magħruf tar-radju fuq 103 Malta's Heart.



## Toni Busuttil
*Foreman/Trixie*

Wara l-esperjenza indimentikabbli li kellu f'Raymond "Fight" Beck, reġa' ġie avviċinat biex ikun parti mill-kast formidabbli ta' Il-Kbir Għadu Ġej. Dan huwa l-ewwel musical li qatt se jieħu sehem fih kemm ilu involut fit-teatru. Hu jinsab ħerqan għal din l-esperjenza u bla dubju se tkun waħda li mhu se jinsa qatt, dan għaliex apparti li jħobb id-diski ta' Freddi Portelli se jkun qed jaqsam il-palk ma' ħafna kantanti, atturi u żeffiena bravi. Fuq kollox, se jkun qed jerġa' jaħdem ma' direttur artist li kull attur jieħu gost jaħdem miegħu.



## Emanuel Cassar
*Hans Fritzer*

Emanuel ħadem ma' diversi kumpaniji teatrali u stazzjonijiet televiżivi lokali bħala attur. Bħala xandar ipproduċa u ppreżenta programmi tal-arti u l-kultura kif ukoll oħrajn satiriċi fuq diversi stazzjonijiet tar-radju u televiżjoni. Huwa għalliem tad-drama fil-Malta School of Drama & Dance. Fost xogħlijiet li ħadem f'dawn l-aħħar snin għall-palk kienu Balzunetta Towers,L-Għerf u l-Glorja tal-Ispettur Bonnici u Festa tal-Qaddisin... Ħadd ma jista' għalina. Danke vielmals!



## Jamie Cardona
*Ħaddiem tat-Tarzna u oħrajn*

Jamie għandu 18-il sena b'passjoni kbira għat-teatru. Beda jitħarreġ ġewwa l-Malta Drama Centre mill-età ta' erba' snin u sal-lum il-ġurnata baqa' jistudja u jġib il-kwalifiki neċessarji biex ikompli miexi 'l quddiem f'dan il-qasam. F'Mejju 2012, huwa ġie ppremjat mid-Direttorat tat-Taghlim Tul il-Ħajja għall-aħjar student fil-kategorija tiegħu. Huwa ħa sehem f'bosta produzzjonijiet kemm għat-televiżjoni u għall-palk. Fost il-proġetti teatrali nsibu Ix-Xitan Kunjomu Malti, Għajn-Eye-Three, Jiena Nħobb, Inti Tħobb, Faith Hope u Charity, Irbaħt il-Lottu, B'tal-Linja Jaqbillek Żgur, Tikber u Tinsa, Metamorfosi, The Acrobat, kif ukoll Aħn'Aħwa, jew m'Aħniex.



### Jeremy Grech
*Ħaddiem tat-Tarzna u oħrajn*

Jeremy beda jitħarreġ fid-drama meta kellu 15-il sena. Qabel dejjem kont issibu fuq il-palk tal-iskola jagħmel diversi rwoli. L-aħħar irwol tiegħu ħalla impatt kbir meta għamel il-karattru ta' pirata fi Treasure Island li influwenzah fl-istil tal-ħwejjeġ. Jeremy ħa sehem fl-ewwel spettaklu ta' 16-il sena meta kien parti mil-kast ta' 1565. Minn hemm għadu ma waqafx jinterpreta rwoli differenti bħal Ja'Keith f'Rock of Ages, Master Reyer f'Phantom of the Opera, Pepper f'Mamma Mia, Gus/Growltiger f'Cats kif ukoll l-aħħar spettaklu mtella' minn The New Victorians Sette fejn interpreta l-karattru tal-Multiplikatur. Apparti dawn, Jeremy ħa sehem f'pantomimi, Commedia dell'Arte, mimi u pupazzi.



### Amber Mansueto
*Michela*

Amber għandha 11-il sena u ferħana ħafna li se tkun qed taħdem il-parti ta' Michela f'Il-Kbir Għadu Ġej. Amber tħobb ir-reċtar u l-kant. Hi ħadet sehem fi produzzjonijiet kemm teatrali, kif ukoll televiżivi. Fosthom, Violet f'Il-Madonna Tiegħi Aħjar Minn Tiegħek. Fid-debutt tagħha fiċ-ċinema Maltija fil-film Il-Misteru tal-Għoġol tad-Deheb, u fis-serje televiżiva L-Għoġol tad-Deheb, fejn hija tinterpreta l-parti tan-Nanna Carmen ċkejkna. Fil-ħin liberu tagħha tħobb tipprattika l-volleyball, iżżur siti storiċi u ssajjar.



### Dominic Cini
*Valentino Vella*

Dominic beda bħala kantant lura fis-sena 1997 meta spiss kien ikanta ma' oħtu Charmaine taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joe Brown. Ipparteċipaw b'suċċess f'diversi konkorsi tal-kant. Minn hemm Dominic qatt ma ħares lura u kien meta ltaqa' ma' Ina Robinich li l-karriera ħadet spinta 'l quddiem. Beda jikkomponi kanzunetti anki għal kantanti oħrajn li wassluh biex ħa sehem f'festivals lokali bħal L-Għanja tal-Poplu, Konkors Indipendenza, Summer Hit u oħrajn. Ħadem ma' kompożituri barranin u b'hekk kellu l-opportunità li jieħu sehem fil-Malta Eurovision. Fis-sena 2017 ikkompona d-diska Dawra Tond li biha ċ-ċkejken Gianluca Cilia rrappreżenta lil Malta fil-Junior Eurovision. Għandu l-istudjo tiegħu fejn jilqa' bosta artisti lokali u jaħdem mużika għall-festi, Karnival u musicals, fosthom Il-Perit li kkompona hu stess. Illum, flimkien ma' Ina Robinich imexxi l-iskola tal-kant Vocallane sabiex iħarrġu tfal u żgħażagħ fl-arti tal-kant. Is-sena l-oħra kien ukoll fil-musical tas-Surmast Dominic Galea, Il-Ħanina Maddalena.



### Mireille Rose Borg
*Tfajla tal-Bar u oħrajn*

Mireille Rose Borg hi kantanta u attriċi li studjat musical theatre ma' Stagecoach Malta u l-Junior College u l-vuċi ma' Annabelle Vella. Ħadet sehem f'Rockestra, Joesph Calleja's Children Choir, Strummin', X Factor Malta, Notte Bianca, The Sound of Music, The Phantom of the Opera, Il-Ħanina Maddalena u f'Gawgaw a Panto in the Dark.



## Christine Francalanza
*Tfajla tal-Bar u oħrajn*

Christine Francalanza gradwat miċ-Ċentru tad-Drama ta' Malta fl-2006, u wara ssoktat l-istudji tagħha biex setgħet takkwista l-LAMDA Diploma in Dramatic Arts (LDDA). Hi ħadet sehem f'diversi produzzjonijiet teatrali f'Malta fi stili differenti ta' teatru fosthom Teatru Grieg, Teatru tat-Triq, Commedia dell'Arte u anke clowning. Kienu diversi produzzjonijiet televiżivi li Christine dehret fihom u bħalissa qiegħda taħdem fuq xi ħaġa ġdida fjamanta għall-iskeda li jmiss.

Apparti r-reċtar Christine għandha wkoll għal qalbha l-kant u għal numru ta' snin kienet tagħmel parti mill-kor Voices. Hi ħadet sehem f'parti prinċipali f'diversi produzzjonijiet mużikali fosthom Balzunetta Towers u Il-Ħanina Maddalena, kif ukoll fl-operetta Il-Madonna Tiegħi Aħjar Minn Tiegħek. Barra minn Malta kellha wkoll opportunitajiet teatrali sbieħ fit-Tuneżija, fl-Awstrija, f'Sirakuża u ġewwa Frankfurt.



## Alison Abela
*Tfajla tal-Bar u oħrajn*

Alison kellha diversi rwoli fuq it-televiżjoni kif ukoll fit-teatru. Flimkien ma' grupp ta' atturi, ipproduċiet u rreċtat fi Plautus Strait (2012), Marjelena (2014) u B'Sogħba Kbira (2016). Proġetti oħra indimentikabbli għaliha huma Tikber u Tinsa (2015), B'Tal-Linja Jaqbillek Żgur (2016), Balzunetta Towers (2017), Il-Ħanina Maddalena (2018). Fl-2017 flimkien ma' kollega tagħha bdiet il-kumpanija Xenati fejn jiddiversifikaw fl-istili tagħhom bħal musical Qatta' Ġrieden (2017), Nibnu Malta għal Valletta 2018, u Ta' Maġenbna Purċinelli (2018).



## Ina Cini Robinich
*Rita l-Ġermaniża*

Ina bdiet il-karriera tagħha ta' età żgħira meta bdiet tieħu t-taħriġ mingħand Phylisianne Brincat. Il-pass il-kbir ħaditu fis-sena 1999 meta kien ittella' festival apposta għal talenti ġodda u kisbet it-tieni post bid-diska The Voice of the Moon. Minn hemm infetħulha ħafna bibien u ftit tas-snin wara rebħet L-Għanja tal-Poplu b'diska li baqgħet popolari, Wellidni. Ħadet sehem fil-festivals lokali kważi kollha u ilha kważi għoxrin sena tkanta fit-tiġijiet fil-knejjes. Ħadet sehem f'diversi pantomimi ta' żmien il-Milied u xi serje televiżivi. Illum, flimkien ma' żewġha tmexxi tfal u żgħażagħ fil-linja tal-kant permezz tal-iskola Vocallane. Dan l-aħħar qatgħet xewqa oħra meta bdiet tippreżenta programm sajfi fuq l-istazzjon F Living. Dan is-sajf se narawha f'parti komika fil-musical Il-Kbir Għadu Ġej.



## Martina Galea
*Tfajla tal-Bar u oħrajn*

Martina Galea bdiet it-taħriġ tagħha tal-British Theater Dance Association fil-ballet, jazz, tap u lyrical fl-età ta' 3 snin u għadha tagħmel hekk sal-lum. Biex tkompli ttejjeb it-taħriġ tal-prestazzjoni tagħha, Martina bdiet tattendi l-Iskola tat-Teatru u l-Arti Masquerade fl-2016 u b'hekk tiżviluppa wkoll il-ħiliet tagħha fil-kant u d-drama permezz ta' eżamijiet ta' Trinity. Martina ħadet sehem f'diversi wirjiet taż-żfin u show cases. Fl-2018 kienet ingħatat l-irwol ewlieni ta' Jasmine f'Aladdin, kif ukoll l-omm ta' Cinderella f'Into the Woods. Fis-sajf 2017, Martina ħadet sehem ukoll fil-Festival Internazzjonali tal-Arti taż-Żgħażagħ f'Kingston, l-Ingilterra, mal-Masquerade Teen Company.


BERLIN

## **Bijografiji** *Żeffiena*



### Martina Galea

Martina Galea bdiet il-karriera tagħha fiż-żfin u l-arti minn età żgħira ħafna, bil-ballet, ġinnastika u arti performattiva. Rebħet ħafna kompetizzjonijiet fosthom fejn ġiet it-tieni minn Malta kollha fl-2008 u anki f'kompetizzonijiet barra minn Malta bħal Belġju, Colchester, Budapest u l-Lussemburgu. Martina ngħatat l-Amici Dance Scholarship waqt li kienet qed tistudja ma' The College of Dance. Hija gradwat b'Diploma tas-sitt livell fiż-żfin professjonali u llum il-ġurnata tieħu sehem f'bosta spettakli ma' ismijiet rinomati bħal Johane Casabene (MCC Dance Showcase) u Lynne Salamone Reynaud (8 Winds). Martina kuntenta ħafna li hi parti mit-tim ta' Il-Kbir Għadu Ġej, fejn qed isservi wkoll bħala kap taż-żfin.



### Thomas Grixti

Thomas Grixti ilu jinvolvi ruħu fil-qasam tal-arti minn età żgħira ta' ħames snin. Għalkemm beda l-istudji tiegħu fil-mużika, il-passjoni tiegħu nxterdet għal oqsma oħra fl-arti, bħalma huma t-teatru, il-kant u ż-żfin mużikali. Minkejja l-istudju tad-dentistrija li hu involut fih fl-Università ta' Malta, l-arti tibqa' l-għożża ċentrali ta' dan il-ġuvnott.



### Nina Ragonesi

Nina Ragonesi għandha 15-il sena u tgħix Tas-Sliema. Ilha tiżfen għal dawn l-aħħar sitt snin u minn passatemp sar passjoni kbira ghaliha. Apparti ż-żfin Nina tħobb tpenġi u tpitter. Qiegħda fl-iskola sekondarja u tispera li tkompli l-istudji tagħha fiż-żfin f'kulleġġ barra minn Malta. Dan huwa l-ewwel xogħol għaliha u tassew eċitata biex tagħti s-sehem tagħha f'din il-produzzjoni.



### Eliza Cassar

Eliza Cassar hija tfajla ta' 19-il sena. Hija mgħallma f'diversi stili ta' żfin fosthom il-ballet klassiku, il-jazz, żfin kontemporanju, żfin liriku u l-hip hop. Hi studjat mal-Academy of Dance Arts u kompliet issaħħaħ it-taħriġ tagħha f'dan il-qasam permezz ta' korsijiet internazzjonali bħal Summer Intensives at Tring Performing Arts, Opes Classical Training u l-Mediterraneo Dance Festival. Permezz ta' hekk, hi ngħatat opportunitajiet diversi biex tieħu sehem f'videos mużikali, riklami, ftuħ uffiċjali ta' ċerimonji u spettakli oħra.



## Nicole Chetcuti

Nicole Chetcuti għandha 17-il sena u hija żeffiena bbażata fuq il-ballet klassiku, il-jazz, iż-żfin kummerċjali, lirika u kontemporanju. Nicole żviluppat it-tagħlim tagħha f'bosta skejjel, inklużi Johanne Casabene Dance Conservetoire, Academy of Dance Arts, u korsijiet internazzjonali bħal Mediterraneo Dance Festival u Moorland Ballet School. Nicole ħadet sehem f'varjetà ta' produzzjonijiet fosthom X Factor, Junior Eurovision, videos mużikali u aktar.



## Matteo Mifsud

Matteo hu tifel ta' 16-il sena. Beda jiżfen minn meta kellu ħames snin. Matteo kien żifen fil-Junior Eurovision u l-Eurovision, żifen fil-Malta Music Awards, għall-Isle of MTV u wkoll għal X Factor Malta. Matteo wkoll ħa sehem f'Macbeth ma' Unifaun Productions u kellu l-parti ta' Fleance. Issa Matteo se jkompli jistudja ż-żfin f'Cambridge l-Ingilterra għal dawn it-tliet snin li ġejjin.



## Jake Curti

Jake Curti huwa student tal-infermerija. Filwaqt li jinsab eċitat li huwa parti minn din il-produzzjoni, din mhux l-ewwel darba li ħa jkun fuq il-palk. Ħa sehem f'ħafna produzzjonijiet lokali bħal Mamma Mia, Cats, Joseph and the Amazing Technicolour Dreamcoat kif ukoll xi pantomimi fit-Teatru Manoel. Apparti t-teatru, Jake ilu jitgħallem il-kant b'mod professjonali għand Pamela Bezzina għal dawn l-aħħar seba' snin, li wasslitu biex jipparteċipa fis-sensiela X Factor Malta, tas-sena l-oħra. Jake huwa ħerqan biex jagħti l-almu tiegħu fuq il-palk.



## Matthias Magri

Matthias huwa student ta' 15-il sena li għandu passjoni għaż-żfin u teatru mużikali. Hu beda jipprattika l-ġinnastika ma' Gymstars. Minn hemm hu wasal biex jibda jiżfen għall-ewwel darba żfin kontemporanju ma' Helen Keith School of Ballet. Hu beda t-teatru mużikali ma' Stagecoach Theatre Arts School. Minn dak iż-żmien 'l hawn u ħa sehem f'ħafna produzzjonijiet inkluż Dear Future Me - Treblemakers.



## Alister Camilleri

Iż-żfin minn dejjem kien parti kbira mill-ħajja ta' Alister. Ta' ħames snin beda jiżfen il- Latin American li għadu jipprattika sal-lum il-ġurnata fejn jirrappreżenta lil pajjiżna f'diversi kompetizzjonijiet madwar id-dinja u kiseb diversi titli internazzjonali. Għandu esperjenza wkoll fil-ballroom, hip hop u ballet, fejn matul dawn it-13-il sena li ilu jiżfen f'punt jew ieħor kien jipprattikahom ukoll. Jaħdem ma' żeffiena oħra minn dejjem kien ta' pjaċir għalih, għalhekk beda jgħallem il-Latin American, kif ukoll jagħmel spettakli u musicals ta' dan it-tip.



## Maria Gauci

Maria twieldet fis-17 t'Awwissu fl-2001 u l-karriera taż-żfin tagħha bdiet t'erba' snin fil-ġeneru klassiku tal-ballet. Iktar tard bdiet ukoll il-jazz u l-kontemporanju. Hija ħadet sehem f'bosta programmi televiżivi, kompetizzjonijiet kif ukoll korsijiet kemm f'Malta kif ukoll barra fosthom ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, l-Ingilterra u l-Italja. Riċentament ġiet magħżula biex tidħol ġo skola bl-isem ta' Bodywork School of Performing Arts, Cambridge, l-Ingilterra fejn hemmhekk se taħdem sabiex issaħħaħ iktar it-talenti tagħha bħala artista. Għalkemm din kienet l-ewwel darba għal Maria biex taħdem ġewwa produzzjoni mużikali, hija daħlet għaliha motivata u determinata sabiex tkun esperjenza oħra f'ħajjitha li mhu se tinsa qatt.



## Emilie Visanich

Emilie Visanich twieldet fl-4 ta' Diċembru 2003 u għandha 15-il sena. Bdiet tistudja l-arti taż-żfin ta' tliet snin. Emilie tipprattika diversi stili ta' żfin fosthom ballet, flamenco, contemporary, commercial u jazz. Hija tistudja wkoll il-vuċi kif ukoll id-drama. Emilie ġiet magħżula wkoll sabiex tipparteċipa f'ġimgħa intensiva taż-żfin u kienet opportunità li ma tinsa qatt. Emilie ħadet sehem f'diversi produzzjonijiet f'Malta stess sabiex turi l-potenzjal li għandha lejn il-performing arts.



## Neriah Mangion

Neriah Mangion hija żeffiena ta' 19-il sena, b'personalità u kariżma. Ta' tliet snin bdiet tattendi għal-lezzjonijiet taż-żfin għand Alison White Dance Studio. Tgħallmet diversi dixxiplini taż-żfin fosthom ballet, tap, jazz, hip hop u flamenco. Il-passjoni għal musicals u cabaret nibtet fiha minn età żgħira. Kompliet fuq żfin kontemporanju u dak kummerċjali. Ħadet sehem f'kompetizzjonijiet u showcases lokali bħal Premier ta' Mamma Mia u Lion King. Ħolqot koreografiji għal produzzjonijiet imtellgħin fl-iskejjel. Neriah temmen li ż-żfin huwa mezz ta' arti li jista' wkoll iwassal messaġġi profondi u pożittivi kontra l-istereotipi u ġrajjiet kurrenti lis-soċjetà tagħna.

## Ħajr Speċjali

Albert Marshall, Etienne Bonello, Mary Ann Cauchi, Onor Dr Owen Bonnici, Luke Cassar, Marcel Cassar, Herve Delpech, Jeremy Vassallo, Monica Muscat, George Apap, Dr Luke Dalli, Petra De Carlo, Tonio Aquilina, Maurice Mizzi, Adolf Formosa, Rayfonz Borg, Dr Kenneth Spiteri, Pierre Fenech, Rosette Debattista, Noel Sammut, Marc Abela, Denise Spiteri, Brian Cassar, Joseph Buhagiar, Philippa Buhagiar, Krista Buhagiar, Olive il-Kelba tal-Fenek, Doreen Galea, Sammy Galea, Josette Sciberras, Ben Galea, Paul Falzon, Elizabeth Ebejer, Michael Mangion, Brian Bonnici, Charles Dalli, Chris Peregin, Skene Luqa, Steve Cilia, Ritienne Azzopardi, Corey Agius.

Jekk insejnik, aħfrilna, kellna ħafna x'nagħmlu.

wavemusicmalta.com

# Lito's Place Malta

where artists & producers meet cutting-edge technology



LITO'S
PLACE
RECORDING STUDIO

**Music Production Facilities & Services**

**E.** info@litosplace.com **T.** +356 2723 2806 **M.** +356 9949 5428 **www.litosplace.com**